**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-17 t' Ottubru, 2019**

**Talba Numru:- 89/2019 AM3**
**Numru fuq il-Lista:-42**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Skyparks Business Centre**

**MIA,**

**Luqa**

**Vs**

**Joanne Pace (K.I. 290671M)**

**96, Triq tal-Hamrija,**

**Marsaskala**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fit-30 ta' April, 2019 li permezz tieghu talab lill-konvenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf disa' mija u dsatax-il ewro u disgha u sebghin centezmu (€1,919.79c) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari fuq it-tariffa RED M (Device) bil-kont numru 1.11038623 fuq talba u a beneficcju tal-istess intimata.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li konvenuta naqset li tidher biex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lill-rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenuta.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta' attrici tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf disa' mija u dsatax-il ewro u disgha u sebghin centezmu (€1,919.79c) bl-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**